

Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2017/C 205/05)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾, in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 379, **“9403 Għamara oħra u partijiet tagħha”**, għandu jiżdied dan it-test wara l-ewwel paragrafu:

“Din l-intestatura ma tinkludix il-basktijiet u l-boroż tal-ħwejjeġ għall-ħasil. Għall-finijiet tal-Kapitolu 94, it-terminu “għamara” jfisser kull oġġett “mobbli” (li mhux inkluż taħt intestatura oħra aktar speċifika tan-Nomenklatura), li jinħoloq biex jitqiegħed fl-art u li jintuża l-aktar għal finijiet utilitarji fil-binjiet privati, lukandi, teatri, eċċ.

Il-basktijiet u l-boroż tal-ħwejjeġ għall-ħasil huma klassifikati skont il-materjal kostitwenti tagħhom. Pereżempju, il-basktijiet tal-ħwejjeġ għall-ħasil magħmulin mill-ħadid jew mill-azzar huma klassifikati bħala oġġetti oħrajn tad-dar taħt l-intestatura 7323 (li tinkludi l-basktijiet tal-ħwejjeġ għall-ħasil, ara n-Nota ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 7323 (A) (3)), u l-basktijiet tal-ħwejjeġ għall-ħasil b'materjali ta' trizza huma klassifikati taħt l-intestatura 4602 (li tinkludi l-basktijiet ta' kull tip, ara l-HSEN għall-intestatura 4602 (1)).

Eżempji ta' basktijiet u boroż tal-ħwejjeġ għall-ħasil li huma klassifikati skont il-materjal kostitwenti tagħhom:

		
Taż-żafżafa, il-ġewwieni miksi bil-qoton, għoli: 66 cm.	Tat-tessut, magħluqin b'qafas tal-injam, għoli: 69 cm.	Tal-azzar inossidabbli, mhux miksi, għoli: 60 cm.
Intestatura 4602.	Intestatura 6307 (il-karattru essenzjali tagħti il-borża tat-tessuti, li tilqa' l-ħwejjeġ għall-ħasil, għax dan l-oġġett ma jistax jaħdem mingħajr il-borża tat-tessuti).	Intestatura 7323.”

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju, 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.